Nru. 138

ORDNI GĦALL-KONSERVAZZJONI

Artiklu 46 ta' l-Att ta' 1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar tqis il-proprjetà li ġejja, jiġifieri:–

Il-Ġonna tal-Buskett,
ir-Rabat, Malta

(ara l-pjanta f'paġna 840) hija ta' valur Storiku u Kulturali li ġiet inkluża fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' 1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità tqis is-sit imsemmi huwa *critical asset* u għandu bżonn jiġi kkonservat. Għalhekk l-Awtorità ta' l-Ippjannar qiegħda toħroġ Ordni għall-Konservazzjoni fir-rigward tas-sit hawn fuq imsemmi skond l-artiklu 46 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

Partijiet mill-Ġonna hawn fuq imsemmija huma fi stat dilapidat minħabba nuqqas ta' manutenzjoni u hemm impatt dirett mill-pubbliku fuq l-istat ta' konservazzjoni tal-Ġonna tal-Buskett. Dan in-nuqqas ta' manutenzjoni u l-impatt ħoloq sitwazzjoni perikoluża għall-pubbliku in ġenerali u t-turisti. Il-ġebel li waqa' f'Wied il-Buskett jista' jżomm l-ilma.

No. 138

CONSERVATION ORDER

Section 46 of the Development Planning Act, 1992

THE Planning Authority considers the following property, namely:–

Buskett Gardens
Rabat, Malta

(see plan on page 840) as being of Historical and Cultural Importance and of High Landscape Value such that the site has been listed as Scheduled Property in terms of Section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also considers that this property to be a critical asset and in need of conservation. Therefore it is hereby issuing a conservation order in respect of the above site in accordance with Section 46 of the Development Planning Act.

The site is dilapidated not only because of lack of maintenance but also because it is largely open to the public and visitor impact takes its toll on their state of conservation. Parts of the above mentioned site constitute a danger to passers-by. Moreover the dilapidated buttresses, supporting arches and dislodged blocks from Wied il-Buskett may hinder water flow.

(i) Ix-xogħol ta' inġinerija idrawlika, iċ-ċnut periferali u l-binjiet inklużi fl-area skedata tal-Ġonna msemmija (ara mappa mehmuża), għandhom ikunu kkonservati u ppreservati b'intervent dirett sabiex strutturi fi stat prekarju jiġu kkonsolidati u jitfassal programm dettaljat u kontinwu ta' manutenzjoni;

(i) The hydraulic engineering works, boundary walls, masonry works and buildings of the scheduled area of Buskett Gardens (as per site plan attached), are to be maintained and conserved by means of direct intervention through consolidation works to stop further dilapidation and the establishment of a detailed and continuous maintenance programme;

(ii) Il-bini fi stat dilapidat u vojt għandu jiġi restawrat u rijabilitat u l-programm għandu jipproponi użu appropriat għal dawn il-binjiet;

(ii) The disused and dilapidated buildings shall be restored and rehabilitated and the programme shall suggest appropriate uses for these cultural assets;

(iii) Il-proprjetarju għandu jaħtar tim fuq ir-restawr, ir-rijabilitazzjoni, il-konservazzjoni u l-manutenzjoni ta' dan is-sit. It-tim speċjalizzat fil-qasam għandu jkun magħmul minn uffiċjali, minn aġenziji jew dipartimenti tal-Gvern li huma responsabbli mill-*management* u l-konservazzjoni tal-Ġonna msemmija;

(iii) The owner shall appoint a team for the restoration, rehabilitation, conservation and maintenance of the said site. The specialized team shall include officials from Government entities that are responsible for the management and conservation of Buskett Gardens;

(iv) It-tim hawn fuq imsemmi għandu jippreżenta programm ta' xogħol ta' tiswija, restawr u manutenzjoni mqassam fuq ħames (5) snin mill-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni ta' Konservazzjoni. Il-programm għandu jiġi ppreżentat fl-ewwel ħames (5) xhur mill-pubblikazzjoni ta' dan l-istess Ordni.

(iv) This team shall, in the first five (5) months of the issue of this Conservation Order present a detailed programme of the consolidation, restoration and maintenance works phased out on five (5) years from the publication of the said Conservation Order;

(v) Min żmien għal żmien dan it-tim hawn fuq imsemmi għandu jinforma lill-Awtorità ta' l-Ippjanar fuq il-partijiet u s-siti li għandhom jiġu kkonservati u ppreservati. Ispezzjonijiet regolari jsiru skond in-neċessità;


(v) The said term will inform the Planning Authority periodically on the part of the site or area which is to be conserved and preserved. Regular site inspections shall be held as necessary;

(vi) Ix-xogħlijiet ta' tiswija, programm ta' manutenzjoni u metodi ta' konservazzjoni li se jiġu użati għandhom jintwerew qabel ma jsiru xi interventi. Ix-xogħlijiet għandhom jitmexxew skond kriterji stabbiliti fil-Konvenzjonijiet, *Charters* u Protokolli stabbiliti mill-Kunsill ta' l-Ewropa u l-UNESCO li Malta ffirmat għalihom.

(vi) The consolidation works, maintenance programme and conservation methods to be employed should be delineated before any interventions. The works have to follow the criteria established by The Council of Europe and UNESCO in their Conventions, Charters and Protocols, to which Malta is signatory.

Jekk il-proprjetà jew sit jiġi demolit jew mibdul bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra fl-artikli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

If the property is damaged or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.



St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

PLANNING AUTHORITY

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords of Map :-
Min E31220, N89392
Max E31683, N89809

Title :-

Conservation Order
Buskett L/O Rabat,
Dingli and Siggiewi

Ref No. :- 13/99

— Conservation Order Boundary

1. Verdala Castle
2. Alcove & Stalactyte
3. Stone Rostrum
4. Hunting Lodge
5. Ir-Razzett tal-Bosk
6. Ir-Razzett ta' l-Ispirtu
7. Ir-Razzett tal-Baghal
8. Underground Flour Mills
9. Kapella ta' San Anton
10. Kapella & Cart Ruts